MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Numru 335/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSRIC MIFSUD
SPETTUR SANDRO ZARB
(Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni)
VS
KHALED MOHAMED BARA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Khaled Mohamed Bara, ta’ 26 sena, iben Mohamed u Miriam Ixbarri, imwieled Tripoli f’Dicembru 1974, u residenti Taormina Hotel, Sliema, u detentur tal-passaport Libyan mhux maghruf, u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-23 ta’ Novembru 2002, u zmien ta’ qabel, go Tas-Sliema, u fi bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-

pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emmendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) ukoll talli matul dawn l-ahhar xhur, minghajr ma' nghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tiddikjara lill-imsemmi Khaled Mohamed Bara bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn Malta, hekk kif hemm fl-Artikolu 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel (1) akkuza u wara li rat id-disposizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) Taqsima tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, regolament (8) tal-G.N. 292/1939, Artikolu 22 (1G)(2)(a)(ii) tikkundannah ghal multa ta' mitejn lira (ekwivalenti ghal 465.87) li jhallas fi zmien 6 xhur b'rati mensili. Ghal rigward tat-tieni akkuza in vista tal-fatt illi dan ir-reat illum huwa dipenalizzat, issib lill-imputat mhux hati tat-tieni akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------